32006D0136

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Frar 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi lill-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid anness mal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

(2006/136/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il- Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") [1], kien ġie ffirmat fit-18 ta' Novembru 2002, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005 [2].

(2) Fil-24 ta' Novembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tidħol f'negozjati mar-Repubblika taċ-Ċili sabiex jiġi emendat il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid mehmuż bħala l-Anness V [3] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Anness V") mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess.

(3) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi lill-Anness V għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi lill-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid anness mal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissarju għall-Agrikoltura u Żvilupp Rurali huwa b'dan awtorizzat li jiffirma l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K.-H. GRASSER

---

[1] ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.
[2] ĠU L 84, 2.4.2005, p. 21.
[3] ĠU L 352, 30.12.2002, p. 1083.

FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi lill-ftehim dwar il-Kummerċ fl-inbid anness mal-ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

A. *Ittra Nru 1 Ittra mill-Komunità*

Brussel,

Sinjur,

Għandi l-unur nirriferi għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 30 ta' l-Anness V mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid). Il-Kumitat Konġunt irrakkomanda li jsiru xi emendi lill-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Anness V"), sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi leġiżlattivi minn meta dan kien ġie adottat.

Waqt il-laqgħa reċenti tal-Kumitat Konġunt li saret f'Madrid fit-13-14 ta' Ġunju 2005 kien hemm qbil dwar il-bżonn li jiġu emendati mhux biss l-appendiċi iżda wkoll it-test tal-Ftehim sabiex dan ikun aġġornat. Għandi għalhekk l-unur li nipproponi li l-Anness V jiġi emendat kif indikat fl-Appendiċi mehmuż hawnhekk, b'effett mid-data ta' l-iffirmar.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

F'isem il-Komunità Ewropea

Appendiċi

L-Anness V huwa b'dan emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-ismijiet msemmija fl-Artikolu 6 għandhom ikunu riżervati esklussivament għall-prodotti li joriġinaw mill-Parti li għaliha japplikaw.";

2) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fuq il-bażi tar-reġistru tat-*trademarks* Ċilen kif stabbilit fl-10 ta' Ġunju 2002, it-*trademarks* elenkati fl-Appendiċi VI. A għandhom jiġu kanċellati fi żmien tnax-il sena għall-użu fis-suq intern u fi żmien ħames snin għall-użu għall-esportazzjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.";

(b) wara l-paragrafu 2, jiġi inserit il-paragrafu li ġej:

"2a. Fuq il-bażi tar-reġistru tat-*trademarks* Ċilen kif stabbilit fl-10 ta' Ġunju 2002, it-*trademarks* elenkati fl-Appendiċi VI. B huma permessi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Appendiċi, esklussivament għall-użu fis-suq intern, u għandhom jiġu kanċellati fi żmien 12-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.";

3) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 5(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) fejn espressjoni tradizzjonali jew referenza komplementari ta' kwalità elenkata fl-Appendiċi III jew IV tkun omonima ma' isem ta' nbid li joriġina minn barra mill-Partijiet, l-aħħar isem jista' jintuża sabiex jiddeskrivi u jippreżenta nbid biss jekk tali użu ikun rikonoxxut fil-liġi interna tal-pajjiż ta' l-oriġini u jikkostitwixxix kompetizzjoni żleali u l-konsumaturi ma jkunux żgwidati dwar l-oriġini, in-natura jew il-kwalità ta' l-inbid;";

(a) il-Paragrafu 5(ċ) huwa mħassar.

4) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) rigward inbid li joriġina mill-Komunità, dawk elenkati fl-Appendiċi III,";

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) rigward inbid li joriġina miċ-Ċilì, dawk elenkati fl-Appendiċi IV.";

5) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-Paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-reġistrazzjoni ta' *trademark* għal inbid f'Parti li tkun identika jew simili għal, jew li fiha, espressjoni tradizzjonali jew referenza komplementari ta' kwalità tal-Parti l-oħra li tkun elenkata fl-Appendiċi III jew IV għandhom jiġu rifjutati sa fejn dik ir-reġistrazzjoni tikkonċerna l-użu ta' dik l-espressjoni tradizzjonali jew ir-referenza komplementari ta' kwalità sabiex tiddeskrivi jew tippreżenta l-kategorija jew kategoriji ta' nbid li għalihom dik l-espressjoni tradizzjonali jew ir-referenza komplementari ta' kwalità tkun elenkata fl-Appendiċi III jew IV.";

(b) il-Paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-rifjut li tkun reġistrata *trademark* għal inbid f'Parti li tkun identika jew simili għal, jew li fiha, espressjoni tradizzjonali jew referenza komplementari ta' kwalità ta' dik il-Parti li tkun elenkata fl-Appendiċi III jew IV ma għandux ikun obbligatorju jekk dik ir-reġistrazzjoni tikkonċerna l-użu ta' dik l-espressjoni tradizzjonali jew referenza komplementari ta' kwalità sabiex tiddeskrivi jew tippreżenta l-kategorija jew kategoriji ta' nbid li għalihom dik l-espressjoni tradizzjonali jew ir-referenza komplementari ta' kwalità tkun elenkata fl-Appendiċi III jew IV.";

(ċ) il-Paragrafu 3 jitħassar;

6) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Partijiet, fuq il-bażi tar-reġistru tat-trejdmark Ċilen kif stabbilit fl-10 ta' Ġunju 2002, ma jafu bl-ebda *trademark* barra dawk imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (2a), u fl-Artikolu 10(4) li hija identika jew simili għal, jew li fiha, l-indikazzjonijiet ġeografiċi jew espressjonijiet tradizzjonali jew referenzi komplementari ta' kwalità msemmija fl-Artikoli 6 u 10, rispettivament.";

(b) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Konformement mal-paragrafu 1, l-ebda Parti ma għandha tiċħad id-dritt ta' l-użu ta' *trademark* li tinsab fir-reġistru tat-*trademarks* Ċilen fl-10 ta' Ġunju 2002, ħlief dawk imsemmija fl-Artikoli 7(2) u (2a), u fl-Artikolu 10(4), fuq il-bażi li tali *trademark* tkun identika jew simili għal, jew li tkun fiha, indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Appendiċi I jew II jew espressjoni tradizzjonali jew referenza komplementari ta' kwalità elenkata fl-Appendiċi III jew IV.";

7) L-Artikolu 30(3) jinbidel b'dan li ġej:

"3. B'mod partikolari, l-Kumitat Konġunt jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jsir skond ir-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitati Speċjali.".

B. *Ittra mir-Repubblika taċ-Ċilì*

Santiago de Chile/Brussel,

Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data ta' llum li tinqara kif ġej:

"Għandi l-unur nirriferi għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit skond l-Artikolu 30 ta' l-Anness V mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid). Il-Kumitat Konġunt irrakkomanda li jsiru xi emendi lill-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-'Anness V'), sabiex jittieħed kont ta' l-iżviluppi leġiżlattivi minn meta dan kien ġie adottat.

Waqt il-laqgħa reċenti tal-Kumitat Konġunt li saret f'Madrid fit-13-14 ta' Ġunju 2005 kien hemm qbil dwar il-bżonn li jiġu emendati mhux biss l-appendiċi iżda wkoll it-test tal-Ftehim sabiex dan ikun aġġornat. Għandi għalhekk l-unur li nipproponi li l-Anness V jiġi emendat kif indikat fl-Appendiċi mehmuż hawnhekk, b'effett mid-data ta' l-iffirmar.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.".

Għandi l-unur ngħarrfek li r-Repubblika taċ-Ċilì taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Nassigurak, Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

F'isem ir-Repubblika taċ-Ċilì